PLURIBUS PARENS

Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar il-Ħamis 20 ta' Frar fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużata:- | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 19/7 (16 ta' Jannar 2014)
   b. Minuti 20/7 (03 ta' Frar 2014)
   c. Minuti 21/7 (03 ta' Frar 2014)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Ħatra – Bord tal-Għażla li tinkludi persuna mill-pubbliku dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders

5. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Triq il-Kbira - kontijiet
   b. Toroq oħra:- Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa.
   c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Approvazzjoni ta' Financial Statements 2013

8. Rapport Amministrattiv tas-sena 2013

9. Estimi Finanzjarji għas-sena 2014 u Pjan ta' Ħidma 2014-2016

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti:-**

**a. Minuti 19/7 (16 ta' Jannar 2014)**
**b. Minuti 20/7 (03 ta' Frar 2014)**
**c. Minuti 21/7 (03 ta' Frar 2014)**

1.1 Dawn il-minuti ġew ċirkulati għand il-Kunsilllieri kollha qabel il-laqgħa u għalhekk sar qbil li għandhom jiġu meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti kollha ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1 Sindku

2.1.1 Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sindku qal li x-xogħol fit-tarf ta' din it-triq jinsab għaddej sewwa. Iżda ġara li hemm biċċa art maħruġa l-barra li l-periti qed jgħidu li din għadha tas-sid privat u ma tistax tiġi imdaħla fil-proġett. Jidher ukoll li parti mit-triq li kienet saret sa minn żmien ilu tidher li qed tisfronda u hemm biża li din it-triq kienet inbniet fuq il-ħamrija.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikteb lil Ministru Joe Mizzi, Ministru tat-Trasport li qed jagħmel it-triq sabiex jindirizza dawn l-isfidi u sabiex din it-triq tkompli sa Triq Birżebbuġa sabiex il-proġett tar-ringroad jieħu pass il-quddiem.

Il-Kunsill qabel u approva.

2.1.2 Ħarġa għall-Sqallija. Is-Sindku qal li fuq talba ta' ħafna residenti xtaq li jssir mawra ġo Sqallija u hemm il-ħsieb li din issir f'April 2014. Il-Kunsill qabel li għandhom jitkomplew l-arranġamenti sabiex jinkiseb aktar tagħrif u kif din il-ħarġa jkollha kontenut kemm edukattiv kif ukoll apprezzament dwar l-ambjent. Sar qbil li l-finanzjament tal-Kunsill ikun biss dwar il-ħlas tal-coaches li jwasslu lin-nies lejn il-port mill-Gudja, kif ukoll lura lejn il-Gudja mill-wasla minn Sqallija.

2.1.3 Xogħol ta' konkos fi Trejqa fi Triq Birżebbuġa. Is-Sindku qal li kien mar fuq il-post flimkien mal-Perit Audrey Ann Bonnici u kien qed jistenna li l-Perita tagħmel l-istimi li għandhom jersqu quddiem il-Kunsill għal konsiderazzjoni u approvazzjoni kif ikun il-każ.

2.1.4 Bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li xi tikħil li kien qed jinsab madwar it-travi tal-injam kien qed jinqala u għalhekk kien ukoll qed jidher li kien hemm xi moviment ma' dawn it-travi li jista' jwassal li jinħoloq periklu.

Saret diskussjoni li fiha issemmiet li anke l-faċċata tal-bini tidher li qed issirilha ħsara kawża tal-wires ta' lampa li tinsab imdendla bejn ix-xifer ta' Triq l-Annunzjata ma' Triq Raymond Caruana, il-Gudja.

Sar qbil li l-Perit Audrey Ann Bonnici tiġi msejħa b'mod urġenti sabiex tirrelata dwar il-qagħda preżenti tal-bini u dwar ix-xogħlijiet rimedjabbli sabiex filwaqt li ma tkomplix il-ħsara, jitneħħa l-periklu li jista jkun hemm eżistenti. Dan għandu jsir bl-akbar mod urġenti għaliex ħadd ma għandu jkun espost għal periklu. Sar qbil li l-Kunsill jikteb lill-Enemalta dwar dan sabiex jitneħħ l-fanal li hemm imdendel u jsiru lampi oħra li jdawlu l-inħawi kif meħtieġ.

2.1 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.1.1 Viċi-Sindku

a. Nru tal-permess PA/00440/14 - Proposed advertising portait sign -Malta International Airport, 2nd Floor Administration Offices, Vjal L-Avjazzjoni, Luqa, Malta. Is-Sur Baldacchino qal li xtaq aktar tagħrif dwar il-pjanta u kif dawn ix-xogħlijiet jolqtu lill-Gudja.

b. Bins-on-wheels għal skart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li issa li l-iskips qed jitneħħew mill-Kunsilli fosthom minn Ħal Għaxaq jidher li l-postijiet tal-Gudja qegħdin issiru dumping sites.

Jidher li fil-jiem tat-tmiem il-ġimgħa jkun hemm roti, tyres u injam. Jidher ċar li qed jiżdied ukoll l-iskart domestiku u dan li filwaqt jagħmel ħsara lill-ambjent qed ukoll iżid il-ħlas li jagħmel il-Kunsill għar-rimi ta' skart domestiku meta fil-fatt dan għandu jonqos u n-nies jagħmlu aktar riċiklaġġ tal-iskart. Is-Sur Baldacchino qal li l-iskart organiku huwa spiża kbira għal Kunsill u għalhekk dan għandu jonqos u mhux jiżdied, kif qed jiġri minħabba abbużi minn nies li mhux residenti fil-Gudja.

Il-Kunsill qabel li għandha titbgħat ittra lir-residenti sabiex filwaqt li nitolbu l-kooperazzjoni tar-residenti sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-iskips, jirraportaw anke b'mod anominu dwar min jagħmel użu ħażin minn dawn l-iskips.

Ir-residenti għandhom jiġu mfakkra li jekk tkompli jssir użu ħażin minn dawn l-iskips, il-Kunsill ikun kostrett li jneħħi dawn l-iskips kif qed jagħmlu postijiet oħra.

c. Kollaborazzjoni dwar ECO Skola. Is-Sur Baldacchino qal li ġie avviċinat mill-Kap tal-Iskola sabiex il-Kunsill jikkollabora mal-iskola u jħallas l-ispiża ta' coach li jieħu t-tfal għall-attivita tal-ECO Skola. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal il-Viċi-Sindku.

2.1.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Is-Sur Sammut qal li kuntrarju ta' dak li kien qed isir fi snin oħra, din is-sena dan il-programm dwar l-after school sports ma ħariġx. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jikseb informazzjoni dwar dan mingħand Marcon Cassar jew xi uffiċjali tal-KMS..

ii. Kors tal-Aerobics u Pilates. Is-Sur Sammut qal li dan il-korsijiet kienu ferm popolari u għalhekk kien qed jirrakommanda li dawn għadhom jistgħu jsiru. Kull kors jiswa €240.00. Ir-residenti Gudjani jħalsu biss €10.00 għal kull kors. Il-Kunsill approva li jorganizza dawn il-korsijiet u jiffinanzja kif ikun meħtieġ.

iii. Bollards. Is-Sur Sammut qal li hemm bżonn li jitwaħlu dawn il-bollards:-

a. fi Triq il-Kbira ma' Wesgħet Anġlu Dalli
b. Triq Sta Katarina ma' Triq Joseph Pace
c. Triq San Ċiru ma' Triq Bettina
d. Triq il-Lebbien

Il-Kunsill qabel dwar dan. Dwar il-bollard fi Triq Sta Katarina ma' Triq Joseph Pace il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi għandu jinforma lis-Sur David Tabone li l-Kunsill ma għandux oġġezzjoni li s-Sur David Tabone jagħmel xi protezzjoni dwar il-proprjeta tiegħu sakemm din il-protezzjoni ma tfixkilx il-moviment tat-traffiku u li ma toħloqx problemi għal pedestrians u għall-ippakkjar f'dawn l-inħawi.

iv. Xogħol ta' patching. Is-Sur Sammut staqsa dwar dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol sejjer jibda dalwaqt u dan kif ikun jippermetti t-temp. Dan ix-xogħol sejjer ikun konġunt mal-kuntrattur.

v. Coach ipparkjat fi Vjal it-Torri kantuniera ma' Triq l-Għelejjel, il-Gudja. Is-Sur Sammut staqsa dwar dan l-ipparkjar. Is-Sindku stqarr li huwa stess kien ħa passi u ġie assigurat li dan il-coach ma kienx sejjer jibqa pparkjar f'dan il-lok.

b. Demelsa Grech

i. Ħarġa edukattiva ġewwa l-Akkwarju Internazzjonali ta' Malta fid-19 ta' Marzu 2014. Ms. Grech qalet li flimkien mas-Sindku hija kienet qed taħdem dwar din il-ħarġa. Prezz għal kbar se jkun €12.00 u għat-tfal sa 15-il sena €4.00 li jinkludi ukoll snack.

Il-Kunsill qabel li jagħmel ħlas tal-coaches kif ukoll parti mill-pagamenti tat-tfal sa 15-il sena. Il-Kunsill qabel ukoll li kemm jista jkun is-snack għat-tfal ikun dak ta' healthy snack sabiex it-tfal ikunu aktar esposti u nkoraġġuti li jieklu ikel tajjeb għal saħħithom.

ii. GAL Xlokk. Applikazzjoni sabiex il-Gudja tipparteċipa fil-Proġett Tourist Hub u applikat għal fondi ta' €9500 bil-proġett bl-isem ta' "Il-Gudja Worth Visiting – A Typical Day of a Maltese citizen". Ms. Grech tat ħjiel dwar din l-applikazzjoni u l-Kunsill qabel li jkompli jsegwi l-progress dwar din l-applikazjoni kif ikun meħtieġ.

iii. Drugs squad tal-Pulizija. Ms. Grech qalet li huwa ferm importanti li dawn il-laqgħat isiru sabiex l-abbuż jonqos sewwa. Is-Sindku wieġeb li dawn il-laqgħat qed isiru regolarment iżda meta xi kunsillier jiltaqa ma' xi każ huwa jixtieq li jiġi nfurmat sabiex jinforma lill-Pulizija u l-Pulizija tieħu passi kif ikun meħtieġ.

c. Stefan Caruana

i. Programm ta' mixjiet kulturali. Is-Sur Caruana ta' tagħrif dwar dawn il-mixjiet kif indikat:-

Il-Ħadd 16 ta' Frar 2014 fid-09:30am - Tibda minn ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill, għal misraħ tal-knisja parrokkjali, nimxu fi Triq il-Kbira għal Ta' Loretu, inkomplu għal Ta' Ħmis, għal Ħofra, Qasam Tad-Djar Ta' Xlejli, Triq Santa Katerina u lura għall-Kunsill.

Il-Ħadd 23 ta' Frar 2014 fid-09:30am - Tibda minn ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill, Triq R Caruana, Triq Kan. Dun P Farrugia, Triq Santa Marija, għal Birmiftuħ, induru lura nimxu fi Triq Birmiftuħ għal Triq W Baker, Triq R Formosa, Triq il-Lunzjata u lura għall-Kunsill.

Il-Ħadd 9 ta' Marzu 2014 fid-09:30am – l-istess rotta bħal dik tat-23 ta' Frar

Il-Ħadd 16 ta' Marzu 2014 fid-09:30am – l-istess rotta bħal dik tas-16 ta' Frar

ii. Kunċert f'Birmiftuħ fl-24 ta' Marzu 2014 fis-7.00pm. Dħul b'xejn. Is-Sur Caruana qal li dan il-kunċert huwa maħsub li jgħin fil-programm ta' kultura li jista' jitgawda kemm mill-Gudjani kif ukoll anke mill-barranin anke waqt żjara qasir tagħhom fil-Gudja.

iii. Program tas-26 t'April 2014 – Erba' Staġuni – maġemb il-Kappella ta' l-Annunzjata il-Gudja – 'Festa Rebbiegħa'. Dettalji aktar il-quddiem. Is-Sur Caruana qal illi jixtieq li jkun hemm il-parteċipazzjoni lokali u kif ukoll dik barra mir-raħal.

iv. Invit – varar tal-benefiċjarji tal-iskema ta' finanzjament għall-attivitajiet kulturali. Is-Sur Caruana qal li nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2014 huwa kien sejjer jattendi għal din l-attivita u jispera li l-Kunsill ikun sejjer jirċievi fondi xierqa sabiex ikun jista' jkompli bil-programm kulturali tiegħu.

v. Torba wara l-Kappella ta' Loreto. Is-Sur Caruana qal li waqt waħda mill-mixjiet ġie osservat li kien għad hemm din it-torba. Is-Sindku wieġeb li din jew tneħħiet jew kienet sejra titneħħa fi żmien qasir peress li l-kuntrattur kien sejjer juża dan il-materjal fil-proġett li qed iwettaq fil-Gudja.

vi. Kors tal-Macrame'. Is-Sur Caruana qal peress li l-avviż dwar dan il-kors tqassam tard mill-kumpanija tat-tqassim, il-bidu ta' dan il-kors sejjer jittawwal u diġa saru arranġamenti dwar dan mas-Sinjura Lina Grech li sejra tmexxi dan il-kors.

vii. Tqassim tal-brochure dwar l-attrazzjonijiet tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill għandu numru kbir ta' dawn il-brochures u tkun ħaġa xierqa li kull dar ġewwa l-Gudja għandha jkollha kopja ta' dan il-brochure u b'hekk jikber l-apprezzament lejn l-aspetti kulturali u storiċi tal-Gudja u n-nies tagħha. Is-Sur Caruana qal li huwa kien lest li jqassam dan il-brochure u għalhekk ma jkunx hemm spiża għal Kunsill u dan ikun ukoll parti mill-programm li l-Gudja tiġi stabbilita bħala post ta' attrazzjoni għat-turisti kif ukoll għal kull min jinteressah ikun jaf aktar dwar l-istorja u l-kultura tal-Gudja u l-inħawi tal-madwar. Il-Kunsill approva dak li qal is-Sur Caruana.

**Sospensjoni tal-Agenda**

Fuq talba tas-Sindku u bl-approvazjoni unanima, il-Kunsill qabel li jissospendi l-Aġenda u għalhekk ikompli fuq dawn it-temi segwenti.

## 8.0 Rapport Amministrattiv tas-sena 2013

8.1 Dan ir-rapport ġie ċirkulat għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa u ġie meħud bħala moqri u approvat nem con.

8.2 Il-Kunsill qabel ukoll li dan ir-rapport għandu jinqara waqt il-laqgħa pubblika li sejra issegwi wara din l-istess laqgħa tal-Kunsill.

## 9.0 Estimi Finanzjarji għas-sena 2014 u Pjan ta' Ħidma 2014-2016

9.1 Dawn ir-rapporti ġew iċċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija u approvat nem con.

9.2 Il-Kunsill qabel ukoll li dawn ir-rapporti għandhom jiġu preżentati waqt il-laqgħa pubblika li sejra ssegwi wara din l-istess laqgħa tal-Kunsill.

**Postponiment tal-laqgħa**

Peress li kien sar il-ħin tas-7.00p.m. is-Sindku u bl-approvazzjoni tal-Viċi-Sindku u l-kunsillieri kollha preżenti, l-Aġenda ġie sospiża u għalhekk sar qbil li l-laqgħa tkompli fuq it-tema segwenti.

Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-8.20p.m.

**7. <u>Approvazzjoni ta' Financial Statements 2013</u>**

7.1 Dawn il-financial statements ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

7.2 Saret diskussjoni u ngħataw spjegazzjonijiet dwar diversi punti u figuri li jidhru f'dawn il-financial statements. Dawn il-financial statements għas-sena li għaddiet fil-31 ta' Diċembru 2013, ġew approvati u l-Kunsill iddeċieda wkoll li dan jiġu iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv skont proċeduri stabbiliti u li wara jmorru għand l-Awditur Ġenerali u l-Awditur tal-Kunsill għal verifika skont il-liġi dwar il-finanzjament tal-Kunsill.

**Aġġornament**

Peress li kien sar il-ħin, is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-kunsillieri kollha preżenti aġġornaw il-laqgħa għal nhar it-Tnejn 24 ta' Frar 2014 fis-5.45pm sabiex tkompli fuq l-Aġenda li diġa tinsab għand il-Kunsillieri kollha.

Il-laqgħa ingħalqet fid-8.45pm.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-